- Rikors revoka ta’ mandat ta’ sekwestru eżekuttiv
- Artikli 39, 52 u 66 Regolament (EU) 1215/2012
- Art. 281, 825A u 826 Kap 12
- M’hemmx għalfejn li sentenza ta’ Stat Membru tiġi reża esegwibbli kif altrimenti rikjest mill-Art. 826 Kap 12
- Ebda reviżjoni ta’ sentenza bħal din ma tista’ ssir fl-istat indirizzat

MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## GRAZIO MERCIECA

Rikors Revoka Numru 849/2018

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1278/2018 GCD fl-ismijiet:**

**Fabrizio Pirello**

**(KI Taljana PRR FRZ 66E 22 DO 86A)**

**vs**

**Bare Sport Europe Limited (C21522)**

**Gia Fitzwright Europe Ltd (C 21522/42)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata fil-26 t'Awwissu 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti tħassar il Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikoli 279 u 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tal-24 t'Awwissu 2018, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant bi żmien jumejn biex iwieġeb;

Rat it-Tweġiba tal-eżekutant tal-5 t'Ottubru 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qal li t-talbiet tal-eżekutata ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma bla bażi fattwali u legali;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Ikkunsidrat:

Illi l-mandat *de quo* inħareġ in forza tar-Regolament (EU) 1215/2012 in eżekuzzjoni ta' sentenza 58/2016 mit-Tribunal tal-Reggio Calabria tat-12.01.2016 reża eżegwibbli b'sentenza tat-25.01.2016. L-eżekutat isostni li r-Regolament japplika biss "għal sentenzi ta' qrati esteri f'każijiet li nbdew

wara l-10 ta' Jannar 2015" iżda l-kawża li wasslet għas-sentenza msemmija bdiet fit-28 t'Ottubru 2004 u għalhekk għandha tapplika l-proċedura li kienet fis-seħħ qabel. L-eżekutata tiċċita in sostenn l-Art. 66 tal-istess Regolament. Li jfisser, jekk tiġi aċċettata din is-sottomissjoni, li l-mandat ma setax isir qabel ma jsir rikors skont l-Art. 826 tal-Kap 12 b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni tagħha;

Illi l-imsemmi Art. 66(1) jgħid li r-Regolament "għandu japplika biss għal proċedimenti legali istitwiti, għal strumenti awtentiċi mfassla jew irreġistrati formalment u għal tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi fid-data jew wara l-10 ta' Jannar 2015". Li jfisser li r-Regolament, li għandu applikabilita` diretta fl-ordni ġuridiku Malti [1], japplika għal sentenzi ppronunzjati wara dik id-data anke jekk il-proċeduri jkunu nbdew qabel, u jissupera lill-Art. 826 – kif wara kollox jipprovdi espressament l-Art. 825A, biex ineħħi kull dubbju li qatt seta' jkun hemm. Dan ifisser li japplika l-Art. 39 tar-Regolament li jistatwixxi li "Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibilita`". Għalhekk il-mandat inħareġ b'mod korrett skont il-proċedura.

Illi l-eżekutat jagħti raġuni oħra l-għala l-mandat m'għandux jiġi esegwit: illi ma ngħatax smiegħ xieraq quddiem il-Qorti Taljana. Din ir-raġuni iżda hija inammissibbli f'din il-proċedura, billi l-Art. 52 tar-Regolament jagħmar bl-iktar mod skjett u perentorju li "taħt l-ebda ċirkostanzi, ma tista' tiġi riveduta sentenza mogħtija fi Stat Membru fir-rigward tal-mertu tagħha fl-Istat Membru indirizzat".

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tas-sekwestrant bl-ispejjez a kariku tiegħu.

---

[1] Ara Art. 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta

Mogħti kameralment illum  15 t'Ottubru 2018

Onor. Grazio Mercieca

Imħallef